**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 09/2023 (it-tielet parti)**

3 t' Awwissu 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius – Sindku
Martin Vella – Kunsillier
Johann Scerri – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Melanie Agius - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Noyah Spiteri Hammett – Vici-Sindku

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjeda il-laqgħa

### 09.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

09.1.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

### 09.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

09.2.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**09.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

09.3.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**9.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

9.4.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**9.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

9.5.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**9.6 Mozzjonijiet**

9.6.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**9.7 Grawnds Peppi Delceppo**

9.7.1 Bi qbil bejn il-Kunsilliera prezenti, din il-materja kellha tigi diskussa fis-seduta segwenti.

**9.8 Rapporti**

9.8.6 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba sabiex issir Keep Clear Bay biswit ATM li kienet ser tigi installata fi Triq San Pawl
- Wara diskussjoni libera gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jissieheb fi proposta li kienet waslet minghand l-NGO The Islands, liema proposta kienet tikkoncerna  sottomissjoni ta' applikazzjoni ghal finanzjament ta' progett permezz tal-iskema CERV tal-Unjoni Ewropeja.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellhom jitkomplew sessjonijiet ta' Line Dancing li fil-passat kienu jsiru fid-dar tal-Anzjani ta' Bormla. Minhabba l-indisponibilita'

tal-post, l-istess sessjonijiet kellhom jibdew jinzammu fi spazju miftuh fi Pjazza Santa Margerita.

- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellhom jingabru stimi u jitqabbad kuntrattur privat sabiex isir xoghol ta' qtugh ta' haxix hazin f'parti minn San Gwann t'Ghuxa sabiex isiru xi interventi mid-direttorat tar-restawr u preservazzjoni.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti mal-Klabb Regatta Bormla il-proposta ta' attvitita Griega-Maltija.
- Kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' talba ghal laqgha li kienet saret mis-Sur Ivan Agius dwar allegati illegalitajiet marittimi.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba ta' BCRS sabiex issir estensjoni ta' RVM hub li kien hemm fi Triq il-Gublew tal-Fidda.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jalloka s-somma ta' €1000 ghal attivita' tradizzjonali li kienet issir fi zmien il-Milied u li kienet tikkonsisti f'father Christmas jasal f'Bacir numru 1 permezz ta' dghajjes, akkumpanjat bi briju fost l-ohrajn.
- Bi qbil bejn il-membri prezenti ma gietx milqugha talba tal-community police ghal installazzjoni ta' Bollards fuq bankina fi Triq Santa Tereza.

9.8.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara li l-Kunsill Lokali kien avvicina lill-uniku kandidata eligibbli ghal mili ta' post vakanti fi skala 15 ( minn fost dawk li kienu qieghdin jirregistraw ma Jobsplus fuq it-tielet parti), din kienet irrispondiet illi kienet sabet impjieg alternattiv. Is-Sur Agius sahaq illi fl-opinjoni tieghu, galadarba, l-interess kien jidher li kien minimu, il-Kunsill Lokali kellu jwaqqaf is-sejha u johrog sejha ghal impjieg ta' ufficjal ezekuttiv fi skala 13. Huwa zied jghid illi kien resssaq din il-proposta fid-dawl tal-fatt illi galadarba s-salarju kien ser ikun oghla, kien hemm il-possibilita' illi jkun hemm aktar individwi interessati. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku.

9.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni ma' applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill Lokali ghal skema marbuta ma' accessibilita' mahruga mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali, liema applikazzjoni kienet giet milqugha, hekk kif maqbul, il-Kunsill Lokali kien informa lill-istess Divizjoni ghall-Gvern Lokali illi minhabba ragunijiet li ma kien hemm ebda kontroll fuqhom, il-Kunsill lokali kien qieghed jirrinunzja ghall-progett u allura ghall-fondi.

Is-Sindku zied jghid illi fir-rigward, kien gie infurmat mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jinghata koncessjoni illi minflok ma jirrinunzja ghall-fondi, jimplimenta progett alternattiv. Segwiet diskussjoni libera, li matulha gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jinforma lid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali illi minflok jirrinunzja ghall-fondi, il-Kunsill Lokali, kemm il-darba jinhargu l-awtorizzazzjonijiet mehtiega, jimplimenta progett li permezz tieghu jigu mmodernizzati u jsiru aktar accessibbli playing fields li kien hemm gewwa Pjazza Santa Margerita u Gnien il-

Familja. Permezz tal-istess fondi kellhom jigu mibdula fanali fiz-zona ta' Verdala Barracks

**9.9 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

9.9.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-20:20p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghas-17 t'Awissu 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Awwissu, 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |